**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 10/19**
**Data:** It-Tnejn, 10 ta' Lulju 2019
**Ħin:** 6:20 PM
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier (sad-9.10pm)
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier (sat-8.10pm)
Stephanie Fenech - Kunsillier
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**10.01** **Ħatra ta' Sindku u Viċi-Sindku;**
**10.02** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**10.03** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**10.04** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**10.05** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**10.06** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**10.07** **Xogħolijiet;**
**10.08** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**10.09** **Dekasteri;**
**10.10** **Programm ta' ħidma;**
**10.11** **Żejt iż-Żejtun;**
**10.12** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**10.13** **Mozzjonijiet; u**
**10.14** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**10. 1.** **Ħatra ta' Sindku u Viċi-Sindku;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 1. 1 | | Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti in-nutara Dr Amanda Marie Cini fejn quddiemha aċċetaw il-kariga u ġew maħtura is-Sinjura Doris Abela bħala Sindku kif ukoll is-Sinjura Joan Agius bħala Viċi-Sindku fejn ħadu l-ġurament tal-ħatra. Is-Sindku rringrazzjat lil poplu Żejtuni li għal darb'oħra wera l-fiduċja tiegħu fiha biex isservi għal dawn il-ħames snin li ġejjien u wegħdet li flimkien mal-Kunsilliera ser tkun qed taħdem għall-ġid taż-Żejtun. Irringrazzjat lis- Sur Joe Hales u lis-Sur Claude Camilleri għall-ħidma tagħhom fil-Kunsill preċedenti kif ukoll tat merħba lill-Kunsilliera eletti ġodda s-Sur Gesmond Baldacchino u s-Sur Roderick Caruana kif ukoll lill-kunsilliera l-oħra li reġgħu ġew eletti. Ħeġġet ukoll lill-Kunsilliera li ma ġewx eletti sabiex jersqu 'il quddiem u jagħtu daqqa t'id fejn jistgħu lill-Kunsill | | |

**10. 2.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jinqraw | | |

**10. 3.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 10. 3. 1 | | Proponent: Caruana Ray<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 09/19 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |
| 10. 3. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**10. 3.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

**10 4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/19. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 4 | 1 | | *Textile recycling bins* | Irċevejna korrispondenza mingħand Refab fejn infurmawna li ser ikun qed isir ħlas ta' €0.50 għal kull bin kuljum wara talba li saret mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel nem.com li għandhom jiżdiedu żewġ bins, waħda f'Misraħ is-Suq u l-oħra f'Qasam Ħal Tmin minħabba domanda ikbar li qed ikun hawn għal dan is-servizz. | |
| 10 | 4 | 2 | 01 | Devoluzzjoni Lokali: DLG | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li bħalissa hemm tlett applikazzjonijiet sabiex issir devoluzzjoni ta' dawn l-artijiet, kamra f'Misraħ Karlu Diacono, biċċa art f'Misraħ l-Indipendenza kif ukoll Ġnien iż-Żgħożija. Il-Kunsill qabel li għandu jitkompla l-proċess biex dawn l-artijiet jingħata t-titlu fuqhom il-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 4 | 3 | 07 | Laqgħat bejn l-Assoċjazzoni Kunsilli Lokali u l-Kunsilli Lokali | Camilleri u Baldacchino infurmaw li ma jistgħux jattendu għal din il-laqgħa. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 4 | 4 | 09 | Skema ta' Restawr | Ġie maqbul li għal din l-iskema issir applikazzjoni sabiex isir ir-restawr tal-Kappella tas-Salvatur. | Segretarju Eżekuttiv |
| 10 | 4 | 5 | 19 | Street Naming Commitee: Chris Deguara | Il-Kunsill irċieva din il-korrispondenza fejn ġie magħrraf li t-tibdil fl-isem għal Sqaq Angelo Zahra ma ġiex aċċettat mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq minħabba li mhux isir bdil f'toroq u sqaqin li jinsabu fil-qalba tal-ibliet u rħula. Il-Kunsill qabel nem.con li għandna noġġezzjonaw għall-fatt li hemhekk hemm 3 residenzi biss. | Chircop |
| 10 | 4 | 6 | 22 | *Landscaping area* : Wirt iż-Żejtun | Wirt iż-Żejtun qed iressaq proposta li jsir tħawwil ta' siġar u pjanti fit-*traffic island* li tinsab quddiem il-Kappella ta' San Klement. Il-Kunsill qabel nem.com ma' din il-proposta u ser issir laqgħa ma' Wirt iż-Żejtun biex jiġi diskuss dan. | Sindku |
| 10 | 4 | 7 | | Sindku: Speed Camera fi Triq President Anton Buttigieg | Wara inċident ieħor li kien hemm f'din it-triq u wara d-diversi talbiet li l-Kunsill għamel sabiex issir speed camera, il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ stqarrija dwar dan peress li t-talbiet waqgħu fuq widnejn torox. Il-Kunsill qabel nem.con u din għandha tinħareġ fil-midja malajr kemm jista' jkun. | Segretarju Eżekuttiv |

**10. 5. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 5 | 1 | | | | |

**10. 6. Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 6 | 1 | | Baldacchino: Bejjiegħa tal-monti | Baldacchino qal li qed jagħmel eżerċizzju dwar il-bejjiegħa tal-monti. Qal li qed jaħdem fuq il-ħsieb li l-monti darba f'xahar jibda jarma filgħaxija. | Baldacchino |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 6 | 2 | | Baldacchino: Ħamiem Selvaġġ | Baldacchino qal li flimkien ma' Fenech ser ikunu qed jiltaqgħu mal-Federazzjoni tal-Ħamiem dwar il-gallinari eżistenti fiż-Żejtun sabiex isir kontroll iktar bejn ħamiem selvaġġ u dak tat-tiġrija. | Baldacchino |
| 10 | 6 | 3 | | Camilleri: BBQ ir-Ramla għall-Persuna b'Diżabilita' | Camilleri qalet li l-BBQ għall-Persuni b'Diżabilita' ser isir l-Bajja ta' San Tumas fis-17 ta' Lulju. | Camilleri |
| 10 | 6 | 4 | | Camilleri: *Prospectus Life Long Learning* | Camilleri qalet li nħareġ il-prospectus għall-*Life Long Learning Curse.* L-applikazzjonijiet ser ikunu miftuħa mill-Kunsill bejn is-17 ta' Lulju u s-7 ta' Awwissu. | Baldacchino |
| 10 | 6 | 5 | | Fenech: *Dog Park* | Fenech infurmat lill-Kunsill li ser issir applikazzjoni sabiex isir *Dog Park* f'Ġebel San Martin. | Fenech |
| 10 | 6 | 6 | | Fenech: Ftehim dwar il-Football Pitch fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Fenech infurmat lill-Kunsill li sar ftehim ġdid maż-Żejtun Corinthians FC sabiex il-ground li jinsab fi Ġnien l-Għannejja Żwieten (San Girgor) jerġa' jieħu l-ħajja mill-ġdid. Dan ser isir grazzi għall-għajnuna tal-Malta Football Association u l-kollaborazzjoni tat-taqsima Żgħażagħ u Sports. Fost affarijiet oħra hemm li dan għandu jintuża mill-*Kids Club* is-Sibt, bejn it-3pm u l-5pm. | Fenech |
| 10 | 6 | 7 | | Fenech: Laqgħa mal-Aġenzija Żgħażagħ | Fenech qalet li kellha laqgħa sabiex naraw kif nistgħu nikkolaboraw flimkien dwar għajnuna ta' *Youth Workers* speċjalment detached youth work fi Ġnien iż-Żgħożija. | Fenech |
| 10 | 6 | 8 | | Fenech: *Neutering* tal-qtates | Fenech qalet li applikaw għall-*vouchers* sabiex jissewew u qed tiġbor lista ta' dawk li qed jitimaw il-qtates. | |
| **10.** | **7.** | | | **Xogħolijiet;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10. | 7. | 1 | | Xogħolijiet fuq toroq | Is-Sindku qalet li x-xogħolijiet fi Triq Gwiedi ser jibdew. Aktar il-quddiem ser tibda wkoll Triq Ħabel ix-Xgħir. Ix-xogħol fi Triq Taltass mexa sew tant illi wasal biex jingħata l-ewwel saff ta' tarmak fil-ġranet li ġejjien. Beda wkoll xogħol ta' drenaġġ minn naħa tal-WSC fuq l-ewwel parti ta' Triq il-Wied. Kif jitlesta dan ix-xogħol ser jingħata l-aħħar saff ta' tarmak fi triq Taltass. | Sindku |
| **10.** | **8.** | | | ***Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10 | 8 | 1 | | Fenech: Ġurnata Kemmuna | Fenech qalet li l-attivita' ser tiġi organizzata fis-17 ta' Awwissu. | Fenech |
| 10 | 8 | 2 | | Fenech: *NGO Move* | Fenech infurmat lill-Kunsill li fis-6 ta' Awwissu ser issiru attivitajiet sportivi f'Qasam Ħal Tmin. Fis-7 ta' Awwissu ser jintrama *pitch* artifiċjali fuq iz-zuntier tal-knisja *(Glow in The Dark)* u jintefa d-dawl. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 8 | 3 | | Mafkar: Dun Salv Galea | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-attivita' organizzata mill-ex-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ser issir fl-20 ta' Lulju fis-7:00pm taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta Dr George Vella. Diġa intbagħtu l-inviti u rridu nieħdu ħsieb l-għeluq tat-toroq bejn is-6.00pm u d-9.00pm. | Sindku |
| 10 | 8 | 4 | | Viċi-Sindku: *Cruise* | Agius qalet li din l-attivita' saret u kienu grupp ta' 30 persuna u ħadu gost ħafna fejn żaru Korsika, Sardinja, Ruma u Napli. Ser jiġi organizzat ieħor s-sena d-dieħla. Dettalji joħorġu fil-jiem li ġejjien. | Viċi-Sindku |
| 10 | 8 | 5 | | Viċi-Sindku: Ġurnata Kemmuna | Il-Viċi-Sindku qalet li din l-attivita' saret u kienet suċċess. | Viċi-Sindku |
| 10 | 8 | 6 | | Viċi-Sindku: Ġurnata Sqallija | Il-Viċi-Sindku qalet li ser tiġi organizzata ġurnata għal Sqallija fit-13 ta' Lulju. | Viċi-Sindku |
| 10 | 8 | 7 | | Viċi-Sindku: *Kids Club* | Il-Viċi-Sindku qalet li s-sezzjonijiet tal-*Kids Club* ser ikomplu jsiru nhar ta' Sibt bejn it-3.30pm u l-5.00pm. | Viċi-Sindku |

**10. 9. Dekasteri;**

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 9. | 1 | | Sindku: Dekasteri | Is-Sindku ppreżentat id-dekasteri hekk kif ġew mgħotija skond kull Kunsillier fejn tat spjegazzjoni qasira hekk kif jidher anness. | Sindku |

**10. 10. Programm ta' ħidma;**

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 10. | 1 | | Sindku: Programm ta' ħidma | Is-Sindku qalet li matul dawn il-ħames snin li ġejjien, il-programm ta' ħidma ser ikun qed jiffoka l-iktar fuq iż-żamma ta' bankini eżistenti u oħrajn ġodda, Sqaqin kif ukoll Ġonna fost xogħol ieħor li jrid isir. | Sindku |

**10 11 Żejt iż-Żejtun;**

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 10. | 11 | 1 | | Agius: Żejt iż-Żejtun 2019 | Agius qalet li din is-sena hemm il-ħsieb li jitnaqqsu l-karettuni u ser jinġiebu Gruppi Folkloristiċi Internazzjonali sabiex jagħmlu l-wirja tagħhom. Fenech issuġerit li n-naħa ta' San Girgor għandna ntuh naqra dehra differenti bi gruppi li jkantaw bil-Maltiu għassara tal-inbid. Ġie deċiż lli din iż-żona jieħdu ħsiebha Fenech, Camilleri u Chircop. Ġie maqbul ukoll li għalkemm Żejt iż-Żejtun jibqa' l-isem sinonimu mal-attivita', għandha tingħata dehra ġdida lill-artwork kollu li jippromwovi din l-attivita'. | Agius |

**10 12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Tabella tal-Ħlasijiet 06/19 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |

**10 13 Mozzjonijiet; u**

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Ma kienx hemm mozzjonijiet mressqa waqt din is-seduta | |

**10 14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 5 ta' Awwissu fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

Maria Dolores Abela

Sindku

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv